MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-14 ta' Diċembru, 2005

Citazzjoni Numru. 126/2005

**MILLER DISTRIBUTORS LTD.**

**vs**

**ZAMTRADE (AIRPORT OPERATIONS) LTD.**

**Il-Qorti:**

Rat l-Att taċ-Ċitazzjoni mressaq fit-3 ta' Frar, 2005, bil-proċedura sommarja speċjali, li bih il-kumpannija attriċi ppremettiet;

Illi s-soċjeta' attriċi tinstab kredittriċi tas-soċjeta' konvenuta fis-somma ta' sitt elef, seba' mija u disa' u sebgħin lira Maltin u seba' u sittin ċenteżmu (Lm6,779.67) bilanċ parti minn somma akbar rappreżentanti prezz ta' gazetti, rivisti kif ukoll merkanzija oħra, mibjugħa u debitament ikkonsenjata mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta stess u dan skond *statement* hawn anness u mmarkat bħala Dok. B;

Illi għalkemm debitament interpellata biex tħallas dan l-ammont, is-soċjeta' konvenuta baqgħet inadempjenti u ma ħallset xejn;

Illi jeżistu l-elementi kollha rikjesti mill-liġi a tenur tal-Kapitolu 12 tal-Liġijiet ta' Malta, peress li d-dejn huwa ċert, likwidu u dovut, u fil-fehma tas-soċjeta' attriċi s-soċjeta' konvenuta m'għandhiex eċċezzjonijiet x'tagħti għat-talba ta' l-istess soċjeta' attriċi;

Għaldaqstant is-soċjeta' attriċi talbet lil din l-Onorabbli Qorti għaliex m'għandhiex għal dawn ir-raġunijiet premessi, dispensat is-smiegħ tal-kawża skond id-dispożizzjonijiet ta' l-Artikolu 167 et. Seq. tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili (Kap.12) tal-Liġijiet ta' Malta, u in vista' ta' 10 affidavit ġuramentat hawn anness u mmarkat bħala Dok. A;

1. Tiddeċiedi l-kawża skond it-talba, bid-dispensa tas-smiegħ;

2. Tiddikjara illi s-soċjeta' konvenuta hija debitriċi tas-soċjeta' attriċi fl-ammont ta' sitt elef, seba mija u disa' u sebgħin Lira Maltin u seba' u sittin ċenteżmu (Lm6,779.67) bilanċ parti minn somma akbar rappreżentanti prezz ta' gazzetti, rivisti kif ukoll merkanzija oħra, mibjugħa u debitament ikkonsenjata mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta stess u dan skond statement hawn anness u mmarkat bħala Dok. B;

3. Tikkundanna lis-soċjeta' konvenuta tħallas lis-soċjeta' attriċi s-somma ta' sitt elef, seba' mija u disa' u sebgħin Lira Maltin u seba' u sittin ċenteżmu (Lm6,779.67) bilanċ parti minn somma akbar rappreżentanti prezz ta' gazzetti, rivisti kif ukoll merkanzija oħra, mibjugħa u debitament ikkonsenjata mis-soċjeta' attriċi lis-soċjeta' konvenuta fuq inkarigu tas-soċjeta' konvenuta stess u dan skond statement hawn anness u mmarkat bħala Dok. B;

Bl-ispejjeż, u bl-imgħax legali sad-data tal-effettiv pagament kontra s-soċjeta' konvenuta li minn issa hija nġunta għas-subizzjoni.

Rat li l-atti tal-kawża u l-Avviż tas-Smigħ ġew notifikati kif imiss lill-kumpannija mħarrka bl-aħjar mod possibli bil-meżż tal-pubblikazzjoni u l-affissjoni;

Rat li, minkejja dan, il-kumpannija mħarrka naqset li tidher biex tikkontesta l-kawża kull meta din issejħet, u bl-ebda mod ieħor ma ikkontestat it-talbiet attriċi;

Semgħet lill-avukat tal-kumpannija attriċi;

Rat l-atti kollha tal-kawża;

Għal dawn ir-raġunijiet il-Qorti qegħda taqta' l-kawża bid-dispensa tas-smigħ billi:

**Tilqa' wkoll it-tieni talba attriċi** u tikkundanna lill-kumpannija mħarrka tħallas is-somma ta' sitt elef, seba mija u disgħa u sebgħin liri Maltin u sebgħa u sittin ċenteżmu (Lm6779.69), rappreżentanti merkanzija lilha mibjugħa u konsenjata mill-kumpannija attriċi, flimkien mal-imgħax legali b'effet mid-data tal-konsenja sal-jum tal-ħlas effettiv; u

**Tikkundanna** wkoll lill-kumpannija mħarrka tħallas l-ispejjeż tal-kawża.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------